

Rikors ippreżentat fis-7 ta' April 2017 – Mabrouk vs Il-Kunsill**(Kawża T-216/17)**

(2017/C 195/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrent: Mohamed Marouen Ben Ali Ben Mohamed Mabrouk (Tuneż, it-Tuneżija) (rappreżentanti: J-R. Farthouat, N. Boulay, avukati, u S. Crosby, Solicitor)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/153, tas-27 ta' Jannar 2017, li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija (ĠU 2017 L 23, p. 19) sa fejn din tapplika għar-rikorrent; u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. Permezz tal-ewwel motiv, ir-rikorrent jallega li l-iffriżar tal-assi tiegħu jkser il-prinċipju ta' żmien raġonevoli, stabbilit rispettivament fl-Artikolu 6 tal-KEDB u fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
2. Permezz tat-tieni motiv, ir-rikorrent jallega li l-iffriżar tal-assi ma huwiex suffiċjement fondat:
 - Kuntrarjament għall-provi prodotti mir-rikorrent, il-Kunsill iqis li l-assi tar-rikorrent ma humiex leġittimi, iżda ma jimmotivax id-deċiżjoni tiegħu.
 - Billi jqis li l-assi tar-rikorrent ma humiex leġittimi, il-Kunsill qed iwettaq żball manifest ta' evalwazzjoni fattwali, jekk wieħed jassumi li għamel xi tip ta' evalwazzjoni;
 - L-iffriżar ma għandu l-ebda skop sa fejn huwa intiż li jgħin it-Tuneżija tirkupra l-assi miżapproprjati. Madankollu, l-ebda wieħed mill-assi tar-rikorrent ma kien miżapproprjat.
3. Permezz tat-tielet motiv, ir-rikorrent jallega li, sa fejn l-iffriżar tal-assi tiegħu seħħ wara l-waqgħa tal-President Ben Ali, tali ffriżar jkser id-dritt għax-xogħol tiegħu.
4. Permezz tar-raba' motiv, ir-rikorrent jallega li l-iffriżar huwa, f'kull każ, sproporzjonat u jkser id-drittijiet għall-proprjetà tiegħu.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' April 2017 – Recylex et vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-222/17)**

(2017/C 195/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Recylex SA (Pariġi, Franza), Fonderie et Manufacture de Métaux (Anderlecht, il-Belġju), Harz-Metall GmbH (Goslar, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Wellinger, S. Reinart u K. Bongs, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea